# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU. 2403

**Kaz Nru. 3147/HW** **Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Louis Camilleri**

**u**

**Waldorf Auto Services Co. Ltd (C4743).**
**(dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta).**

## Chairman : Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK).

**Dan il-Kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Dikjarazzjoni tar-rikorrrenti Louis Camilleri, li gie prezentat fir-Registru tal-Qorti fis-16 ta' Awissu, 2013. Matul is-smigh tal-Kaz ir-rikorrenti kien assistit minn Dr Abigail Critien, u ghas-Socjeta ntimata dehret Ms Francesa Grech li kienet assistita mill-Avukat Frank Testa.**

**Fl'Istqarrija tal-Kaz ir-rikorrenti jghid, li kien ilu mpjegat ghal madwar ghaxar snin bhal mechanic mal-Kumpanija intimata sa ma gie**

**tterminat l-impieg tieghu fid-9 ta' Lulju 2013, fuq kaz ta' dixxiplina. Huwa jghid ukoll fl'istqarrija tal-Kaz tieghu li, kien gie akkuzat li fis-6 ta' Mejju 2013, kien assenjat li jghamel xoghol ta' service fuq karozza Hyundai, fejn kien rikjest li jghamel Bronze service li jirrikjedi li jinbidel il-filter u z-zejt tal-karozza.**

**Huwa jghid ukoll fl'istqarrija tal-Kaz tieghu, li kien gie akkuzat ukoll li l-parts ghal dan ix-xoghol kienu hargu mill-istore, izda minkejja dan dawn il-parts ma gewx mibdula u thallew fil-karozza dawk li kien hemm qabel.**

**Ir-rikorrenti fl'istqarrija tieghu jghid ukoll, li meta gie nfurmat bil-kaz huwa mill-ewwel qal li dik il-karozza m biddilx iz-zejt u l-filter imma kien iccekjalha l-breakijiet. Huwa jghid ukoll, li dan gara minhabba li f'dak iz-zmien ma kienx daqstant koncentrat fuq ix-xoghol tieghu u dan peress li kien ghaddej minn problemi familjari, li kienu dawk ta' mard u mewt fil-familja u kien qed jiehu hsieb il-problemi tal-familja li kien ghaddej minnhom. Huwa jghid ukoll, li dan l-inkwiet kien qed jaffettwalu l-"peformance" tieghu waqt il-qaghdi ta' dmirijiethu.**

**Fl'Istqarrija tieghu huwa jghid ukoll, li f'dik il-gurnata bl'istess tfixkiel li kien ghaddej minnhu nesa in-nuccali tal-vista warajh id-dar. Huwa jghid ukoll, li normalment huwa jghamel xoghol tal-"fast lane" li jfisser**

**xoghol zghir u ghalhekk, il-foreman jghatih tlieta jew erba job cards f'daqqa biex jghamilhom wara xulxien. Huwa jghid ukoll li gara kien, li tfixkel bejn il-kelma bronze u brakes.**

**Huwa jghalaq l-istqarrija tal-Kaz tieghu fejn jghid, li hu jhoss li f'ghaxar snin servizz li ta' lill-kumpanija u qatt ma kellu complaints u qatt ma kellu warnings, setghet il-kumpanija imxiet mghodd iehor u mhux itterminaw l-impieg tieghu.**

**Ghas-Socjeta ntimata da parti taghha qalet, li r-rikorrenti m'ghamilx xogholhu u s-socjeta saret taf b'dan meta gurnata fost l-ohrajn, hija rceviet ilment minghand klijient taghha li ghandu karozza Hyundai.**

**Is-Socjeta tghid ukoll fl'istqarrija tal-Kaz taghha, li l-klijent kien ilmenta li kien ha l-vettura tieghu ghas-service tat-tip Bronze u meta gie nfurmat li s-service kien lest huwa mar jigbor il-vettura tieghu. Is-Socjeta tghid ukoll, li meta dan il-klijent mar id-dar huwa ccekja l-magna tal-vettura tieghu fejn huwa nduna, li ma kienx minnu li s-service kien sar. Is-Socjeta tghid, li l-klijent kien induna li l-filter ma kienx inbidel u ghalhekk irraporta b'dan lil Kumpanija.**

**Is-Socjeta tkompli tghid ukoll, li meta rceviet dan l-ilment ghamlet il-verifiki kollha necessarji, fejn stabiliet li l-filter ma kienx inbidel waqt is-service kif ukoll, li meta ezaminat aktar fid-dettal sabet ukoll li anke z-zejt ma kienx inbidel. Is-Socjeta tghid ukoll, li wara dan semghet il-verzjoni tar-rikorrenti fejn gab l-iskuza, li ma kienx fehem li kellu jaghmel Bronze service fuq il-vettura, izda haseb li kellu jiccekja biss il-breaks. Is-Socjeta tghid ukoll, li kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' dan il-kaz, huwa kien jaf perfettament x'kellu jaghmel. Is-Socjeta ttemm l-istqarrija tal-Kaz taghha fejn tghid, li wara li ghaddiet lir-rikorrenti l-process ta' Dixxiplina ddecidiet, li tiehu il-mizura ta' dixxiplina fil-konfront tieghu permezz li tittermina l-impieg tieghu.**

**Mill-provi li dehru quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta, li r-rikorrenti kien ilu mpjegat mas-Socjeta fil-grad ta' mechanic ghal madwar ghaxar snin u matul dan il-perjodu ta' l-impjieg tieghu huwa qatt ma kellu kazi ta' dixxiplina.**

**Dwar il-Kaz inkwestjoni iz-zewg partijiet qablu dwar il-fatti tal-Kaz, fejn ir-rikorrenti mill-ewwel ammetta li ma kienx bidel la l-filter u lanqas iz-zejt tal-magna tal-karozza inkwestjoni. Quddiem it-Tribunal Industrijali irrizulta, li ghalkemm il-filter u iz-zejt tal-karozza ma kienux inbidlu pero l-parts ghalihom biex jigu mibdula kienu ittiehdu mill-istore u invista ta' dan inqalghet il-mistoqsija jekk dan kienx sar biex ir-rikorrenti jiehu xi vantagg ghalih. Ghal din il-mistoqsija is-Socjeta mill-**

**ewwel qalet, li ma kienitx qed takkuza lir-rikorrenti b'serq izda kienet qed takkuza lir-rikorrenti bi traskuragni intenzjonata.**

**Mill-provi quddiem it-Tribunal industrijali jirrizulta wkoll, li meta ir-rikorrenti kien gie akkuzat b'dan in-nuqqas, fid-difiza tieghu ma kienx informa lil-management tas-Socjeta li f'dak il-perjodu kien ghaddej minn zmien difficli fejn kien hemm mard u mewt fil-familja tieghu, infatti fit-trattazzjoni finali taghha is-Socjeta qalet, li kienet sajma ghal kollox minn dan li qed jghid ir-rikorrenti. Is-Socjeta tghid ukoll, li wisq tissaponi li issa qed igib din l-iskuza ghaliex li kieku f'dak iz-zmien kien ghaddej minn zmien daqshekk difficcli kien jghid lil-management. Is-Socjeta tghid ukoll, li kieku kienet taf b'dak li kien ghaddej minnhu ir-rikorrenti, zgur li l-management kien jiehu nkonsiderazzjoni din is-sitwazzjoni meta kien ha d-decizjoni.**

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jiehu nkonsiderazzjoni diversi aspetti ta' din il-Kwistjoni u jibda biex jinghad, li l-kaz huwa wiehed li ghandu certa gravita u dan ghar-raguni li jista jkollu certa riperkussjonijiet fuq ir-reputazzjoni tas-Socjeta peress u certament li hadt ma jiehu gost li jhallas ghal servizz li ma jkunx sar.**

**Dan it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, l-aspett jekk l-izball li sar kif allegat is-Socjeta kienx wiehed intenzjonat. Dan it-Tribunal**

**Industrijali meta jikkunsidra li ir-rikorrenti kellu tant snin ta' servizz mas-socjeta fejn qatt ma kellu kazijiet ta' dixxiplina, kif ukoll meta jikkunsidra li f'dak il-perjodu tal-kaz kien ghaddej minn zmien ta' tensjoni ghar-raguni li kellu mard u mewt fil-familja li taghhom giet moghtija prova quddiem dan it-Tribunal Industrijali, dan it-Tribunal Industrijali hu tal-fhema, li ma jaqbilx ma dak li akkuzat bih is-Socjeta lir-rikorrenti, li l-izball tieghu kien wiehed intenzjonat u mhux zball genwien.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizjonali tal-paritjiet, kif ukoll jikkunsidra iz-zmien twil li ir-rikorrenti kien ilu fl'impieg mas-Socjeta u li matul dan iz-zmien qatt ma kellu kazi ta' dixxiplina, dan it-Tribunal Industrijali jasal ghal konkluzjoni, li fil-waqt li ir-rikorrenti kien jimmerita li jittiehdu passi dixxiplinarji fil-konfront tieghu pero, meta it-Tribunal Industrijali jiehu wkoll inkonsiderazzjoni dak li diga stqarr hawn fuq iqies, li t-terminazzjoni ta' l-impieg kienet wahda harxa u s-Socjeta setghet kkunsidrat mizuri ohra ta' dixxiplina minflokk dik ta' tkeccija mill-impieg. Ghaldaqstant, dan it-Tribunal Industrijali jiddeciedi, li t-terminazzjoni ta' l-impieg kienet wahda harxa u ngusta. Invista ta' dan, it-Tribunal Industrijali jiddeciedi, li fil-waqt li l-impieg ma jigix moghti lura, ir-rikorrenti ghandu jithallas mis-Socjeta kumpens**

**li jammonta ghall €3,000 (tlett t'elef euro), liema kumpens ghandu jithallas fi zmien hmistax il-gurnata mid-data ta' din id-Decizjoni.**

**Minhabba differimenti mill-partijiet u nuqqas ta' facilitajiet ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijjiet ta' min assista l-partijiet fl'ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**Iffirmat : Harold Walls**

**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**

**A/Segretarja**

**Data : 28 ta' Lulju, 2015**